31987R4088

L 382/22 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1987

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 4088/87

ta' l-21 ta' Diċembru, 1987

li jiffissa l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' rati ta' dazju preferenzjali fuq l-importazzjoni ta' ċertu fjuri li ġejjin minn Ċipru, l-Israel u l-Ġordan

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li ikkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tiegħu,

Wara li ikkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Protokolli addizzjonali li jinsabu mad-Diversi Ftehim ta' Assoċjazzjoni jew Ko-Operazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, fuq naħa 'l waħda, u Ċipru, l-Iżrael u l-Ġordan, fuq l-oħra, jipprovdu li r-rati tad-dazju preferenzjali għandhom ikunu applikati għall-importazzjonijiet fil-Komunità ta' ward u qronfol, fil-limitu tal-kwoti tat-tariffi li jkunu infetħu għall-importazzjoni tal-fjuri maqtugħin friski kollha li jaqgħu fis-subintestatura 0603 10 tan-nomenklatura maqgħuda u li joriġinaw fl-imsemmija Stati; billi dawn il-vantaġġi tat-tariffi huma applikabbli biss għall-importazzjoni li jikkonformaw ma' ċerti kondizzjonijiet tal-prezz;

Billi dan ir-Regolament għandu jiddetermina l-kondizzjonijiet tal-prezz li magħhom għandha tikkonforma l-importazzjoni tal-ward u tal-qronfol sabiex tikkwalifika għall-applikazzjoni tad-dazji doganali preferenzjali u għandhom ukoll jistabbilixxu kemm il-kondizzjonijiet għas-sospensjoni ta' l-arranġament tat-tariffa preferenzjali fejn dawn il-kondizzjonijiet ma jkunux għandhom aktar imħarsa u sussegwentement għall-introduzzjoni mill-ġdid tagħhom;

Billi l-kondizzjonijiet tal-prezz li għandhom jiġu mħarsa għall-prodotti impurtati huma determinati skond il-prezzijiet tal-produtturi tal-Komunità; billi, fid-dawl tal-tibdil li huwa estremament volatili u għal żmien qasir fil-prezzijiet tal-prodotti in kwistjoni fil-Komunità, dawn il-prezzijiet tal-produtturi għandhom ikunu stabbiliti għal perjodi ta' ġimgħatejn, fuq il-bażi tal-prezz medju rappreżentattiv tas-suq matul it-tliet snin ta' qabel, filwaqt li bdil eċċessiv jiġi injorat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzzjonijiet għall-applikazzjoni ta' rata ta' dazju doganali preferenzjali għall-ward li għandu fjuri kbar, għall-ward li għandu fjuri żgħar, għall-qronfol li huwa uniflori (bil-fjuri) u għall-qronfol multiflori (bukketti), fil-limiti tal-kwoti tat-tariffi li miftuħa kull sena għall-importazzjoni fil-Komunità tal-fjuri maqtugħin friski li jaqgħu taħt is-subintestatura 0603 10 tan-nomenklaturi maqgħuda u li joriġinaw f'Ċipru, fl-Israel u fil-Ġordan.

Artikolu 2

1. Għall-prodott partikolari ta' oriġini partikolari, id-dazju doganali preferenzjali għandu jkun applikabbli biss jekk il-prezz tal-prodott importat ikun ta' l-inqas ugwali għall-85 % tal-prezz tal-produttur tal-Komunità msemmi f'Artikolu 3.

Il-prezz tal-prodott impurtat għandu jkun stabbilit fuq is-swieq rappreżentattivi ta' l-importazzjoni tal-Komunità, mingħajr ma jitnaqqas id-dazju doganali preferenzjali.

2. Id-dazju doganali preferenzjali għandu, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jkun sospiż u t-Tariffa Komuni Doganali imposta fuq prodotti partikolari ta' oriġini partikolari:

(a) jekk, f'jumejn tas-suq konsekuttivi, il-prezzijiet tal-prodott importat huma inqas minn 85 % tal-prezz tal-produttur tal-Komunità fir-rigward ta' mill-inqas 30 % tal-kwantitajiet li għalihom il-prezzijiet huma disponibbli fuq is-swieq rappreżentativi ta' l-importazzjoni; jew

(b) jekk, matul perjodu ta' ħamest jew sebat ijiem konsekuttivi, il-prezzijiet tal-prodott importat ikunu alternattivament fuq jew taħt it-85 % tal-prezz tal-produttur tal-Komunità fir-rigward ta' mill-inqas 30 % tal-kwantitajiet li għalihom il-prezzijiet huma disponibbli fuq is-swieq rappreżentattivi ta' l-importazzjoni u jekk, għal tlett ijiem matul dak il-perjodu, il-prezzijiet tal-prodott impurtat jinżlu taħt dak il-livell.

3. Id-dazju doganali preferenzjali għandu jiġi introdott mill-ġdid għall-prodott partikolari ta' oriġini partikolari jekk il-prezzijiet tal-prodott importat (bir-rata sħiħa tad-dazju doganali mhux imnaqqsa) ikunu, fir-rigward ta' mill-inqas 70 % tal-kwantitajiet li għalihom il-prezzijiet huma disponibbli fuq is-suq rappreżentattiv ta' l-importazzjoni tal-Komunità, ugwali għall, jew aktar minn, 85 % tal-prezz tal-produttur tal-Komunità għal xi perjodu, kalkulat mid-data attwali tas-sospensjoni tad-dazju doganali preferenzjali,

— ta' jumejn konsekuttivi tas-suq, wara s-sospensjoni taħt il-paragrafu 2 (a),

— tat-tlitt ijiem tas-suq suċċessivi, wara s-sospensjoni taħt il-paragrafu 2(b).

Fin-nuqqas ta' kwotazzjonijiet disponibbli tal-prezz, id-dazju doganali preferenzjali għandu jkun introdott mill-ġdid jekk ma jkunx hemm prezzijiet għal sitt ijiem konsekuttivi ta' xogħol mid-data ta' meta l-miżura kienet ġiet applikata.

4. Fil-każ ta' importazzjonijiet fi Spanja u fil-Portugall ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi imsemmijin f'Artikolu 1:

— id-dazju doganali preferenzjali applikabbli għandu jkun determinat b'kondizzjonijiet speċjali ta' l-applikazzjoni tal-Qbil bejn il-Komunità u l-pajjiżi msemmijin f'Artikolu 1, wara s-sħubija ta' Spanja u l-Portugall,

— matul il-perjodu meta d-dazja doganali preferenzjali jiġi sospiż, id-dazju doganali applikabbli għandu jkun determinat bl-applikazzjoni ta' Artikoli 75 u 243 ta' l-Att ta' Sħubija ta' Spanja u l-Portugall.

Artikolu 3

1. Il-prezzijiet tal-produttur tal-Komunità għandhom ikunu ffissati għal kull wieħed mill-erba' prodotti imsemmijin f'Artikolu 1 u għandhom ikunu applikabbli għall-perjodu ta' ġimgħatejn. Il-prezzijiet għandhom jiġu ffissati darbtejn fis-sena, qabel il-15 ta' Mejju u qabel il-15 ta' Ottubru.

2. Għal kull wieħed mill-erba' prodotti il-prezz tal-Komunità għandu jikkorrispondi għall-prezz medju tal-produttur reġistrat fuq is-swieq tal-produttur rappreżentattivi matul il-perjodu li jikkorrispondi matul it-tliet snin li jiġu qabel id-data ta' l-iffissar tal-prezz imsemmi fil-Paragrafu 1.

Il-prezz medju għal kull suq rappreżentattiv għandu jkun determinat billi jiġu eskluži l-prezzijiet li, skond proċeduri li għad iridu jiġu stabbiliti, jistgħu jitqiesu bħala eċċessivament għoljin jew eċċessivament baxxi fir-rigward tat-tibdiliet normali osservati fuq dak is-suq.

Artikolu 4

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija lilha perjodikament mill-iStati Membri jew l-informazzjoni li tkun ġabret hi stess, il-Kummissjoni għandha żżomm kontroll regolari fuq ix-xejriet kemm tal-prezz ta' l-importazzjonijiet minn kull pajjiż ta' oriġini fis-swieq ta' l-importazzjoni u tal-prezzijiet tal-prodotturi tas-swieq tal-Komunità.

Artikolu 5

1. Skond il-proċedura provduta f'Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 234/68 ([1]), il-Kummissjoni għandha tistabbilixi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li għandhom jinkludu b'mod partikolari:

— id-definizzjoni tal-prodotti msemmija f'Artikolu 1,

— il-lista tas-swieq rappresentattivi tal-produttur u s-swieq rappresentattivi ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità,

— l-informazzjoni li għandha tiġi mgħoddija perjodikament lill-Kummissjoni mill-iStati Membri għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Skond il-proċedura imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha:

(a) tiffissa l-prezzijiet tal-produtturi tal-Komunità, kif stabbilit f'Artikolu 3;

(b) tissospendi id-dazju doganali preferenzjali u tistabbilixxi mill-ġdid it-tariffa doganali komuni, jew tintroduċi mill-ġdid id-dazju doganali preferenzjali, kif xieraq. Madankollu, bejn dawn il-laqgħat regolari tal-Kumitat ta' Ġestjoni, dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika għall-prodotti li joriġinaw f'wieħed mit-tliet pajjiżi konċernati mid-data ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll addizzjonali relevanti.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1987.

Għall-Kunsill

Il-President

B. HAARDER

([1]) ĠU L 55, tat-2.3.1968, p. 1.